MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2024

Appell Inferjuri Numru 97/2019 LM

**Joeline Delicata (K.I. nru. 424989M)**
*('ir-rikorrenti')*

***vs.***

**Bond's Limited (C 4026)**
*('l-intimata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Joeline Delicata (K.I. nru. 424989M)** [hawnhekk 'ir-rikorrenti'], minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tal-24 ta' April, 2023, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza intimata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti; laqgħet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata **Bond's Limited (C 4026)** [hawnhekk 'l-intimata']; ċaħdet it-talbiet tal-intimata rikonvenzjonanti

ħlief għas-somma ta' ħames mitt Euro (€500), u għalhekk ikkundannat lir-rikorrenti tħallas dan l-ammont rappreżentanti l-*panel* li kien iddanneġġjat mill-ħaddiem inkarigat mir-rikorrenti; u laqgħet l-eċċezzjonijiet tar-rikorrenti rikonvenzjonata in kwantu mhux inkompatibbli ma' dak deċiż qabel, bl-imgħaxijiet fuq l-ammont ta' ħames mitt Euro (€500) b'effett mis-26 ta' Ġunju, 2019. L-Ewwel Qorti ddeċidiet ukoll li l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet. L-appell prinċipali intavolat mir-rikorrenti kien segwit minn appell inċidentali imressaq mis-soċjetà intimata, wara li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet imressqa minnha fil-kontro-talba tagħha, għajr għall-ħlas ta' €500.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti fejn spjegat li hija qiegħda tippretendi li s-soċjetà intimata tħallasha ammont li ma jeċċedix il-ħmistax-il elf (€15,000) Euro, rappreżentanti ħlas li hija għamlet għal kċina ordnata minnha, li s-soċjetà intimata naqset li tikkonsenja tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet, kif ukoll għall-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti u għad-danni sofferti minnha minħabba fin-nuqqasijiet tas-soċjetà intimata.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex min-naħa tagħha hija segwiet strettament il-kundizzjonijiet tal-ftehim bejniethom, kif ukoll dak maqbul bejn il-partijiet sussegwentement. Żiedet tgħid li għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għaliex hija kkonsenjat il-kċina kif kien pattwit. Qalet ukoll li meta kien hemm problema bl-istess kċina, liema problema ma kinitx ikkawżata minnha, kienet ir-rikorrenti li rrifjutat il-konsenja ta' biċċiet addizzjonali li ordnat hija stess, u dan

mingħajr ebda raġuni valida skont il-liġi. Is-soċjetà intimata qalet li għalhekk ma hemm l-ebda danni jew spejjeż x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti, u mhux talli ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti, talli kienet is-soċjetà intimata li sofriet danni u spejjeż inġenti konsegwenza tar-rifjut tar-rikorrenti li taċċetta l-konsenja tal-kċina kif pattwit, u konsegwenza tal-ksur tal-ftehim bejn il-partijiet.

4. Is-soċjetà intimata spjegat li minħabba f'dak eċċepit minnha, kien hemm il-ħtieġa li hija tressaq kontro-talba, fejn talbet lill-Ewwel Qorti tikkundanna lir-rikorrenti tħallasha s-somma ta' ħamest elef, mija u seba' Euro (€5,107) rappreżentanti spejjeż inkorsi bħala konsegwenza diretta tal-azzjonijiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet fuq is-somma li ġiet depożitata biċ-ċedola numru 1010/2019 b'konsegwenza tal-mandat 700/2019 maħruġ mir-rikorrenti rikonvenzjonata fil-konfront tas-soċjetà rikonvenzjonanti.

5. Ir-rikorrenti rikonvenzjonata wieġbet għat-talbiet tas-soċjetà rikonvenzjonanti billi qalet li l-kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex hija aġixxiet fil-parametri tal-liġi u f'eżerċizzju tad-drittijiet legali tagħha. Qalet li jekk is-soċjetà intimata inkorriet xi spejjeż, dawn kienu tort tagħha għaliex naqset milli tonora l-obbligi tagħha skont il-liġi. Qalet li għalhekk hija m'għandhiex twieġeb għall-kontro-talba tas-soċjetà intimata rikonvenzjonanti għaliex hija ma taħtix għal dak mitlub minnha, u s-sitwazzjoni bejn il-partijiet żvolġiet minħabba l-pika u l-għebusija ta' ras id-direttur tas-soċjetà intimata.

**Is-Sentenza appellata**

6. Permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti mogħtija fl-24 ta' April, 2023, il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti; laqgħet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata; ċaħdet it-talbiet tal-intimata rikonvenzjonanti għajr għall-ħlas tas-somma ta' ħames mitt Euro (€500), u għalhekk ikkundannat lir-rikorrenti tħallas lill-intimata l-ammont ta' ħames mitt Euro (€500) rappreżentanti l-*panel* li ġiet danneġġata mill-ħaddiem li kien inkarigat mir-rikorrenti, u laqgħet l-eċċezzjonijiet tar-rikorrent rikonvenzjonata in kwantu mhux inkompatibbli mal-kumplament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidrat:***

*Illi din il-Qorti tibda billi tirrileva illi din il-kwistjoni setgħet tiġi faċilment riżolta bi ftit buon sens u għalkemm konxja li saru tentattivi, anke* pendente lite, *biex il-mertu jiġi tranżatt, l-istess tranżazzjoni baqgħet ma seħħitx.*

*Illi l-attriċi pproċediet b'din il-kawża fejn talbet il-kundanna tal-intimata għall-ħlas ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) rappreżentanti:*

1. *Ħlasijiet li saru minnha għall-kċina li ġiet konsenjata u li skontha ma kinitx tal-kwalità pattwita;*
2. *Spejjeż inkorsi minnha konsegwenza tal-aġir tal-intimata, u*
3. *Danni sofferti minnha minħabba l-aġir u n-nuqqasijiet tal-intimata.*

*Illi l-Kodiċi Ċivili ipoġġi a dispożizzjoni tax-xerrej żewġ azzjonijiet kontra l-venditur meta fl-opinjoni tiegħu l-bejgħ ikun afflitt minn xi nuqqas da parti tal-bejjiegħ, u ċioe dik ai termini tal-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili u dik ai termini tal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Illi l-**artikolu 1427** tal-Kodiċi Ċivili jagħti rimedju lix-xerrej għal difetti li ma jidhrux. L-imsemmi artikolu jagħti l-jedd lix-xerrej iġib 'il quddiem l-**azzjoni redibitorja**, fejn allura x-xerrej jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, iġib 'il quddiem l-**azzjoni stimatorja**, li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti.*

*Illi l-Qorti ma hix tal-fehma illi l-azzjoni attriċi tinkwadra ruħha taħt l-artikolu 1427, l-ewwel u qabel kollox għaliex ma jirriżultax illi l-kċina kellha xi difetti li ma jidhrux u fit-tieni lok ma saret ebda talba minn dawk imsemmija fl-imsemmi artikolu in kwantu fit-talba tagħha l-attriċi qed titlob għall-ħlas kollu magħmul minnha lill-intimata. Filwaqt li l-Qorti rat illi fil-prospett ippreżentat mill-attriċi a fol. 439 ġie dikjarat li kienet qed tħalli f'idejn il-Qorti biex tillikwida l-valur li għandu jiġi rifuż lilha bejn dak li ħallset u l-valur li skont il-Qorti jirrifletti l-kċina li ġiet konsenjata lilha, dan ma jirriflettix it-talba tagħha fir-rikors promutur u l-pretensjoni tagħha dedotta fil-Mandat ta' Sekwestru intavolat minnha skont kif xehdet hija stess quddiem din il-Qorti.*

*Ir-rimedju l-ieħor mogħti lix-xerrej a tenur tal-**artikolu 1390** tal-Kodiċi Ċivili huwa meta l-ħaġa li l-bejjiegħ jikkunsinna lix-xerrej ma tkunx tal-kwalità mwegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar. **F'dawn l-istanzi x-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jiriċevi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.***

*Illi kif ingħad iktar 'il fuq, f'dan il-każ ma jirriżultax illi l-attriċi qiegħda teżerċita l-azzjoni stimatorja għaliex it-talba tagħha hija għar-rifużjoni tal-prezz, spejjeż inkorsi u għad-danni. Huwa importanti li jingħad illi kawża għar-rifużjoni ta' prezz f'bejgħ, u ċioe l-azzjoni redibitorja, skont l-artikolu 1427, hija msejsa fuq bażi għal kollox differenti minn kawża mnissla minn bejgħ t'oġġetti li mhumiex tal-kwalità miftiehma, apparti li ż-żewġ azzjonijiet għandhom rimedji differenti u perijodi preskrittivi differenti. Huwa prinċipju aċċettat illi r-rimedji għax-xerrej huma biss u esklussivament dawk imsemmija, u ċioe l-azzjoni redibitorja u stimatorja f'każ ta' vizzji okkulti u l-azzjoni abbażi tal-artikolu 1390 f'każ ta' bejgħ ta' oġġett li ma jkunx tal-kwalità pattwita. Il-Qorti se tikkwota esklussivament mid-deċiżjoni fl-ismijiet **Norman Spiteri bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' Boxit Ltd vs l-Avukat Dottor Pierre Lofaro noe** (fn. 4 Qorti Ċivili, Prim'Awla – 14 ta' Ottubru, 2009) fejn ġew affermati prinċipji fir-rigward tal-azzjonijiet li jistgħu jintużaw minn xerrej u li fil-fehma ta' din il-Qorti japplikaw fil-każ odjern:*

"Ma hemmx problema li fil-fatt l-azzjoni attriċi saret entro t-terminu preskritt fil-liġi. L-esponent però jsib diffikultà insormontabbli meta jqabbel it-talbiet attriċi li huma ċari u speċifiċi mar-rimedji daqstant ieħor speċifiċi li tagħti l-liġi. Il-liġi tagħti lix-xerrej żewġ opzjonijiet meta jiskopri li l-oġġett mibjugħ mhux tal-kwalità pattwita u dawn huma r-rifjut tal-oġġett u talba għad-danni, jew iż-żamma tal-oġġett u diminuzzjoni fil-prezz minħabba n-nuqqasijiet (ara **Nicholas Borg *vs* Mauro Farrugia noe**, PA 28.10.72). Is-soċjetà attriċi invece għamlet kawża fejn talbet li tiġi mogħtija d-danni

mingħajr ma speċifikat l-għażla tagħha mir-rimedji mogħtija mil-liġi. Mhux il-kompitu tal-Qorti li tinterpreta l-intenzjoni tal-parti meta l-liġi hi ċara u tpoġġi oneru u obbligu fuq il-parti li jispeċifika b'mod ċar u inkewivokabbli t-talba tiegħu. Talba għad-danni magħmula b'mod ġeneriku ma tistax tintlaqa' meta l-liġi hi ċara u inekwivoka. Talba għad-danni mhux permissibbli meta l-liġi hi eżawrjenti għar-rimedji applikabbli għax-xerrej. Hu minnu li mill-atti rriżulta li x-xerrej żamm l-oġġetti u elenka dak li qed jippretendi però dan qed jippretendih in linea ta' danni subiti u mhux bħala raġuni għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-valur u diminuzzjoni fil-prezz. Fil-fatt ma saret ebda talba ad hoc da parti tas-soċjetà attriċi biex jiġi stabbilit il-valur reali tal-makkinarju mibjugħ bl-opra ta' periti, meħud in konsiderazzjoni l-lanjanzi tal-istess soċjetà attriċi. Ma jistax wieħed anqas jallaċċja l-azzjoni għad-danni konsegwenzjali għar-rifjut tal-oġġett mibjugħ għax il-makkinarju ma ġiex rifjutat. L-unika ċedola ta' depożitu li saret mis-soċjetà attriċi li tagħha ġiet preżentata  kopja fil-mori tal-kawża (Dok. MG2) a fol. 316 tal-proċess tirreferi għal biċċtejn makkinarju li fl-istess skrittura ta' bejgħ, il-venditur żamm it-titolu fuqhom sakemm jitħallas il-bilanċ tal-prezz mis-soċjetà attriċi. Din iċ-ċedola saret, kif jirriżulta mill-istess raġunijiet mogħtija, biex tagħmel tajjeb għad-danni u bħala preservazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati u għal ebda raġuni oħra.

Is-soċjetà attriċi, fl-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba tindika l-preferenza tagħha biex tirċievi l-makkinarju bi prezz anqas. Però din mhix talba fil-veru sens u ma tistax tiġi allaċċjata maċ-ċitazzjoni attriċi bħala kjarifika. In-natura tat-talbiet attriċi fiċ-ċitazzjoni minnha proposta huma ċari u ma jħallux spazju għall-interpretazzjoni larga jew korrezzjoni fl-atti mingħajr preġudizzju irrimedjabbli għall-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata u dan mhux permissibbli fil-liġi.

Fil-kawża **Briffa vs Mallia**, deċiża minn din il-Qorti (per Onor. R. C. Pace) fit-28 ta' Frar, 2022, intqal: "Illi għalhekk jirriżulta li l-azzjoni attriċi kif inhi imposta bħala azzjoni merament ta' danni ma għandha ebda bażi ġuridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistgħux jintlaqgħu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgħ, fejn l-uniċi azzjonijiet li huma disponibbli għall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-paċifiku pussess u difett latenti skont l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oġġett mhux tal-kwalità pattiwta abbażi tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16.

Illi dan ġie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Nadia Cassar et vs Charles Pace noe** (Qorti tal-Kummerċ, Onor. J.D. Camilleri) 13 ta' Marzu, 1995), fejn ingħad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodiċi Ċivili taħt it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-Titolu 4 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan abbażi tal-insenjament magħmul fis-sentenza **Scicluna vs Scerri** (Kummerċ 16 ta' Jannar, 1958

– XLII.ii.855), fejn ingħad illi: "l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli speċjali li għandhom għalhekk jipprevalu għad-dispożizzjonijiet ġenerali, li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-liġi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'għandhomx jiġu mogħtija lix-xerrej, drittijiet, u lill-venditur imposta oneri, akbar minn dawk indikati fil-liġi."

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **Anthony McKay *vs* Alfred Cassar** (Kummerċ Onor. J. Filletti 10 ta' Diċembru, 1992), fejn ġie ikkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-actio aestimatoria u/jew redhibitoria jew l-azzjoni skont l-artikolu 1390, u dan ġie kkonfermat fis-sentenza **JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited** (Prim'Awla, Onor. R.C. Pace, 28 ta' Ġunju, 2001).

Illi fil-fatt fl-istess sentenza ġew affermati s-segwenti prinċipji u ċioe li minn dak fuq premess jirriżulta li per analoġija u applikati l-prinċipji fuq esposti jirriżulta li:

(a) Tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-uniċi permissibbli lix-xerrej;
(b) It-talbiet tax-xerrej huma limitati għal dak li jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-istess artikoli, b'dan għalhekk li fil-kawża tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba (f'dan il-każ ċitazzjoni) odjerna u abbażi tal-artikolu 1390 u/jew l-artikolu 1427 tal-Kap. 16 kellha tintalab *sine qua non* li:

i) L-oġġett mhux tal-kwalità pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;
ii) Talba għall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifużjoni ta' parti mill-prezz li tirriżulta li hija in eċċess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tingħata l-ħaġa lura u jintradd il-prezz, jew abbażi tal-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew jirċievi l-ħaġa bi prezz inqas fuq stima ta' periti."

*Illi kif diġà espress iktar 'il fuq, din il-kawża ma tikkonċernax difetti latenti. Għalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, huwa l-artikolu 1390 li għandu applikazzjoni fil-kawża odjerna. Dan l-artikolu jagħti lix-xerrej żewġ opzjonijiet meta jiskopri li l-għamara mibjugħa lilu mhix tal-kwalità pattwita u dawn huma: a) ir-rifjut tal-għamara u talba għad-danni; jew b) iż-żamma tal-għamara u diminuzzjoni fil-prezz minħabba n-nuqqasijiet. Il-problema hija li f'din il-kawża l-attriċi żammet il-kċina u ma talbitx għal diminuzzjoni fil-prezz imma rifużjoni tal-prezz sħiħ.*

*Illi huwa bil-wisq evidenti illi l-attriċi mhux talli żammet il-kċina iżda għamlet użu minnha tant li waħħlet l-*appliances. *F'ċerti każijiet eċċezzjonali r-ritorn tal-ħaġa konsenjata lix-xerrej tista' tkun fiżikament impossibbli u għalhekk l-azzjoni għandha tiġi aċċettata mingħajr din il-kundizzjoni. Però dan ma jistax jingħad għall-kawża odjerna. Il-Qorti tħoss illi dan ma kien każ fejn l-attriċi setgħet tirritorna l-kċina lura jew tiddepożitaha f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti almenu xi żmien wara li l-ftehim*

*bejnha u l-intimata ma ntlaħaqx. L-attriċi ma għamlitx hekk u fil-fatt mill-provi jirriżulta illi l-kċina għadha fil-pussess tagħha u qiegħda tintuża għall-iskop li għalih kienet mixtrija.*

*Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***John Mary Dalli vs Grezzju Patiniott*** *(fn. 5 Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) – 19 ta' Mejju, 2020) fejn intqal is-segwenti: "*Mill-banda l-oħra jekk il-kompratur jagħżel li jżomm l-oġġett lilu kkonsenjat u bl-ebda mod ma jirreaġixxi kif trid il-liġi għall-fatt li dak l-oġġett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-kwalità pattwita il-kompratur ikun qiegħed jippreġudika irrimedjabbilment il-pożizzjoni tiegħu."

*Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra illi skont l-artikolu 1390 ir-radd lura mix-xerrej tal-oġġett huwa rekwiżit kruċjali għas-suċċess tal-kawża attriċi. Sfortunatament f'dan il-każ dan ma sarx. Għalhekk l-azzjoni attriċi hija mankanti fir-rigward ta' wieħed mill-kriterji essenzjali tal-azzjoni promossa u ma tistax tintlaqa'.*

*Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Illi ai termini tal-artikolu 73(2)(b) tal-Kap. 378, l-oġġetti mibjugħa għandhom "*ikunu ta' kwalità tal-kampjun jew il-mudell li l-bejjiegħ ikun qiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni tiegħu." *Imbagħad ai termini tal-artikolu 74 (1) tal-imsemmi Kap. "*Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu u fl-artikolu 75."

*Illi meta jkun hemm nuqqas ta' konformità x-xerrej huwa intitolat li jitlob is-sostituzzjoni jew it-tiswija tal-oġġetti. Illi però f'dan il-każ l-attriċi, qua xerrejja, talbet fir-rikors ippreżentat minnha l-ammont li hija ħallset lill-intimata, li mill-provi jirriżulta li kien l-ammont sħiħ tal-valur tal-kċina, u ċioe €7,100. Illi għaldaqstant bit-talba tagħha għar-rifużjoni tal-ammont imħallas, l-attriċi ma setgħetx tibqa' żżomm il-kċina u fl-istess ħin titlob ir-rifużjoni tal-ammont kollu mħallas minnha. Dan ir-rimedju mkien mhu kkontemplat fil-liġi. Di più, jekk l-attriċi riedet tittermina l-kuntratt, ai termini tal-artikolu 78A tal-Kap. 378, hija kellha trodd lura l-kċina, apparti li ai termini tal-artikolu 79 kellha tinnotifika lill-bejjiegħ fuq mezz durabbli (fn. 6* "mezz durabbli" tfisser kwalunkwe strument li jippermetti li l-konsumatur jew bejjiegħ jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lil dik il-persuna b'mod li hu aċċessibbli għal referenza futura, għal perijodu ta' żmien adegwat għall-iskopijiet tal-informazzjoni, u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna) *dwar*

*kwalunkwe nuqqas ta' konformità f'perijodu ta' xahrejn mid-data li fiha kienet indunat b'tali nuqqas ta' konformità. Illi milll-provi prodotti jirriżulta illi hija ma kinitx kuntenta bil-*finishing *tal-kċina malli din ġiet installata fit-13 ta' Ġunju, 2018 però ma lmentatx mill-*finishing *tal-kċina kompleta qabel Settembru 2018, però l-ilment tagħha ma kienx skont kif jistipula artikolu 79 u dan għaliex jirriżulta illi l-ewwel darba li kitbet formalment lill-konvenut kien fis-17 ta' Novembru, 2018. (fn. 7 ara emejl a fol. 118)*

*Illi fil-fehma tal-Qorti u mill-assjem tal-provi prodotti, l-unika ħaġa li l-attriċi kellha dritt titlob lill-intimata kien il-bdil tal-bieba li ġiet difettuża mingħand il-fornitur Febal. Naturalment hija kellha kull dritt li din il-bieba tiġi fl-istess kulur tal-bqija tal-kċina. Jirriżulta però li skont hi kien hemm avarija fil-kulur tal-istess bieba u ta'* panel *oħra li kienet ġiet ordnata wara li t-*tiler *tagħha kien laqatha. Illi l-intimata ppruvat tirrimedja għall-ilment tal-attriċi billi sprejjat l-istess bibien lokalment, però l-kulur xorta ma qabilx.*

*Illi l-intimata tagħmel referenza għall-*conditions of sale *li jifformaw parti mill-kuntratt li sar bejn il-partijiet fejn fi klawsola minnhom hemm imniżżel is-segwenti, u ċioe "*Colours of the items ordered later may not match and colours / models may be discontinued." *Illi però, bir-rispett kollu, il-Qorti ma tqisx illi l-ordni tal-bieba li kienet difettuża tista' titqies bħala* "an item ordered later" *għaliex din ma ġietx ordnata mill-attriċi iżda ġiet ordnata għaliex ġiet konsenjata difettuża. Illi għalhekk fir-rigward tal-bieba difettuża ma tapplikax din il-klawsola. Però din il-klawsola tapplika fir-rigward tal-*panel *li giref it-*tiler.

*Illi però lil hinn minn dan kollu, irriżulta ċar illi l-intimata wara ħafna trattattivi aċċettat illi l-bibien u l-*panels *kollha jiġu rimpjazzati u fil-fatt għamlet l-ordni relattiva u ftehmet anke mal-attriċi għall-konsenja tal-istess. Madanakollu inqala' intopp dwar dikjarazzjoni li kellha tiffirma l-attriċi sabiex isseħħ din it-tranżazzjoni. Filwaqt li l-intimata kienet qed tippretendi li mal-konsenja tiġi ffirmata dikjarazzjoni ta' "*full and final settlement" *da parti tal-attriċi, l-attriċi talbet li l-istess dikjarazzjoni tiġi ffirmata ħamest ijiem wara l-konsenja ħalli jkollha żmien biżżejjed biex tivverifika kinitx a sodisfazzjon tagħha. Ma' dan il-intimata ma qablitx u tat* ultimatum *lill-attriċi, u ċioe li jekk ma tibgħatx id-dikjarazzjoni ffirmata sa lejliet id-data miftiehma għall-installazzjoni, allura l-ftehim ma kienx se jiġi onorat. Jirriżulta illi l-attriċi bagħtet id-dikjarazzjoni, liema dikjarazzjoni però ġiet emendata minnha fis-sens illi hija riedet li tiffirma l-kwittanza fi żmien tmienja u erbgħin (48) siegħa mill-konsenja u installazzjoni. Il-intimata irċeviet dan il-ftehim emendat ftit sigħat biss qabel ma*

*kellha ssir il-konsenja u għalhekk, in vista li l-attriċi kienet biddlet it-termini tal-ftehim unilateralment, ma kkonsenjatx l-ordni li kienet saret.*

*Illi l-attriċi għamlet enfasi illi hija kellha bżonn urġenti tal-kċina sabiex tidħol tabita fil-post tagħha u dan in vista ta' diversi diffikultajiet familjari kif elenkat fix-xhieda tagħha. Illi din il-Qorti għalhekk tinsab perplessa kif baqgħet twebbes rasha meta l-intimata kienet aċċettat li l-kwittanza tiffirmaha dakinhar tal-installazzjoni. Saħansitra l-attriċi kellha anke l-fakultà li jkollha preżenti persuna ta' fiduċja tagħha sabiex tissorvelja x-xogħol u li l-oġġetti konsenjati kienu fil-fatt dawk li ġew maqbula bejn il-partijiet.*

*Illi din il-Qorti ma tistax tinjora wkoll illi l-attriċi jirriżulta li qiegħda tagħmel użu mill-kċina stante li għandha l-*appliances *imwaħħlin, u dan kif jirriżulta mir-ritratti meħuda mill-Perit Tekniku. Dan ifisser illi l-kċina qiegħda taqdi l-funzjoni tagħha anke jekk, fl-opinjoni tal-espert tekniku, sab xi difetti bħal nuqqas ta' ħxuna biżżejjed fid-dahar tal-armarji li rriżultaw f'tibwiq.*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma illi l-intimata għamlet aktar milli kienet obbligata tagħmel fiċ-ċirkostanzi u reġgħet ordnat il-bibien u l-*panels *kollha li kien hemm bżonn. Però l-attriċi għażlet li tipprokrastina biex tiffirma l-kwittanza wara li l-istess bibien u* panels *jiġu installati, anke jekk kif ingħad aktar 'il fuq, hija ġiet mogħtija l-fakultà li tiffirmaha wara li tispezzjonahom.*

*Illi din il-Qorti ssib li din il-kwistjoni ma ġietx solvuta mod ieħor mhux b'tort uniku tal-intimata iżda tort ukoll tal-attriċi li webbset rasha u bidlet ftehim unilateralment u ppretendiet li l-intimata kellha tinstalla l-bibien u l-*panels *il-ġodda minkejja l-bdil fit-termini tal-ftehim.*

*Illi għalhekk, bla preġudizzju għal dak diġà deċiż aktar 'il fuq, il-Qorti tqis illi fi kwalunkwe każ, l-attriċi ma għandha dritt għal ebda kumpens jew danni għaliex l-aġir tagħha wassal lill-intimata fl-impossibilità li tagħmel il-parti tagħha.*

*Illi min-naħa l-oħra, il-intimata wkoll għandha parti mit-tort li din il-kawża ma ssolvietx mod ieħor. Illi għalkemm wara numru ta' xhur mill-konsenja, l-intimata qablet li tibdel il-bibien u l-*panels *kollha tal-kċina, kien hemm istanzi fejn esiġiet li tirċievi kwittanza qabel dawn biss jiġu installati. Illi għalhekk il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi dak li għandha dritt titlob għalih il-intimata huwa biss il-ħames mitt Euro (€500) rappreżentanti l-*panel *li ġiet milquta mit-*tiler *tal-attriċi.*

*Illi l-Qorti fehmet illi l-bibien u l-*panels *li reġgħu ġew ordnati mill-intimata kollha jinsabu fil-maħżen tal-intimata u ilhom hemm numru ta' snin. Fil-fatt l-attriċi kienet marret tispezzjonahom. Il-Qorti tqis illi biex tingħalaq din il-kwistjoni dawn il-bibien u*

panels *għandhom jiġu installati fil-kċina tal-attriċi mingħajr aktar dewmien. Il-Qorti hija konxja li ma tistax tordna dan fid-decide għax ma jiffurmax parti minn dak li talbu l-partijiet, però fermement temmen li dan għandu jsir.*

***DECIDE***

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-azzjonijiet imressqa mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin, billi:*

*1. Tiċħad it-talba tal-attriċi;*
*2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata;*
*3. Tiċħad it-talbiet tal-intimata rikonvenzjonanti ħlief għall-ħlas tas-somma ta' ħames mitt Euro (€500) u għalhekk tikkundanna lill-attriċi tħallas lill-intimata s-somma ta' ħames mitt Euro (€500) rappreżentanti l-*panel *li kienet ġiet danneġġjata mill-ħaddiem inkarigat mill-istess attriċi;*
*4. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-attriċi rikonvenzjonata in kwantu mhux inkompatibbli ma' dak deċiż fil-paragrafu preċedenti.*

*Bl-interessi fuq l-ammont ta' ħames mitt Euro (€500) mis-26 ta' Ġunju, 2019. (fn. 8 peress li mir-riferta a tergo a fol. 8 ma tirriżultax id-data tan-notifika tal-kontro-talba, il-Qorti qiegħda tiffissa l-ġurnata minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-interessi bħala s-26 ta' Ġunju, 2019 u ċioe meta l-Marixxall għamel ir-riferta tan-notifika."*

## L-Appell

7. L-attriċi ressqet l-appell tagħha mis-sentenza appellata permezz ta' rikors tal-appell datat l-24 ta' Mejju, 2023, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti, u filwaqt li tiċħad kemm l-eċċezzjonijiet imressqa kif ukoll il-kontro-talba tas-soċjetà intimata, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti qalet li hija ħassitha aggravata għaliex fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti għamlet paragun bejn ir-rimedji li setgħet tagħmel użu minnhom ir-rikorrenti *ai termini* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri l-għażla bejn l-artikolu 1390 u l-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili. Qalet li sa mill-bidu tal-

konsiderazzjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti qalet illi r-rimedju *ai termini* ta' dawn l-artikoli ma kienx evidenti mit-talbiet magħmula mir-rikorrenti fir-rikors promutur tagħha.

8. Ir-rikorrenti qalet li min-naħa tagħha hija kienet ċara fi kliemha, fejn talbet lill-Ewwel Qorti sabiex tordna lis-soċjetà intimata tħallasha ammont fi spejjeż, liema ammont ġie limitat għall-kompetenza massima tal-Qorti tal-Maġistrati, jiġifieri ħmistax-il elf Euro (€15,000). Ir-rikorrenti qalet li l-lanjanzi tagħha kienu msejsa fuq prodotti li ġew provduti mis-soċjetà intimata, u għalhekk ma jistax jingħad li kienu difetti latenti, hekk kif mix-xhieda tar-rikorrenti kellu jirriżulta li hija mill-ewwel infurmat lis-soċjetà intimata li l-kwalità tal-prodott ikkonsenjat ma kienx tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet, u li kien hemm difetti li kellhom jittranġaw, u dan minħabba li l-kwalità tal-kċina kkonsenjata kienet inferjuri għal dak pattwit bejn il-partijiet, u li ċertament li dan ma kienx dovut għal xi nuqqas da parti tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti qalet li l-lanjanzi tagħha ġew ikkonfermati wkoll mill-espert tekniku li qabbdet l-Ewwel Qorti, li mhux biss ikkonferma dak li kienet qiegħda tgħid ir-rikorrenti, iżda rrimarka wkoll fuq għadd ta' fatturi oħra li fl-opinjoni esperta tiegħu jnaqqsu mill-kwalità tal-kċina. Ir-rikorrenti qalet li anki l-Ewwel Qorti għamlet riferiment għall-konstatazzjonijiet tal-espert tekniku, li min-naħa tiegħu rrimarka li l-kċina ma kinitx maħduma u mmuntata b'mod professjonali, u l-kwalità tal-kċina ma kinitx tirrifletti l-prezz li ħallset ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti qalet li dan kollu jagħti leġittimità lil-lanjanzi tagħha, u hija sempliċiment xtaqet li s-soċjetà intimata tirranġa d-difetti li kien hemm, iżda meta dan ma sarx, hija kellha tħallas prezz li jirrifletti l-kwalità tal-prodott li ngħatat. Ir-rikorrenti qalet li dan kollu juri li r-

rimedju taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili kien l-aktar idoneu, u kien għalhekk li fir-rikors promutur tagħha hija talbet li tieħu lura l-valur li ħallset lis-soċjetà intimata, u aktar tard speċifikat li setgħet tkun l-Ewwel Qorti li tillikwida dak li huwa dovut lilha bħala rifużjoni. Qalet li r-rimedju *ai termini* tal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili dejjem kien disponibbli għaliha, u dan ma jfissirx li hija ma setgħetx issaħħaħ l-argument tagħha billi tirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

9. Ir-rikorrenti qalet li r-rimedju pprovdut taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili bl-ebda mod ma jista' jitqies li jservi biex jillimita r-responsabbilità tas-soċjetà intimata *ai termini* tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Żiedet tgħid li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 16 u tal-Kap. 378 għandhom jitqiesu li jikkumplimentaw lil xulxin f'dak li għandu x'jaqsam mar-responsabbilità tas-soċjetà intimata lejn ir-rikorrenti, u x'rimedji huma disponibbli għar-rikorrenti. Ir-rikorrenti qalet li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet li ladarba r-rikorrenti għażlet li ma tirritornax il-kċina, hija ppreġudikat il-pożizzjoni tagħha b'mod irrimedjabbli. Qalet ukoll li fil-każ in eżami l-Ewwel Qorti naqset li tapprezza li l-kċina hija xi ħaġa essenzjali għal kull dar biex wieħed ikun jista' jgħix fid-dar tiegħu. Ir-rikorrenti qalet li dan kollu ħareġ ċar mix-xhieda tagħha, fejn hija spjegat li xtaqet tmur tgħix fid-dar tagħha kemm jista' jkun malajr. Qalet ukoll li mill-provi ppreżentati quddiem l-Ewwel Qorti, imkien ma jirriżulta li r-rikorrenti talbet lis-soċjetà intimata tirrifondi parti mill-ammont imħallas minnha, iżda biss li tipprovdi rimedju biex il-kwalità tal-kċina tkun kif kien pattwit bejn il-partijiet. Ir-rikorrenti żiedet tgħid li hija fl-ebda waqt ma kkunsidrat li tibdel il-kċina fl-intier tagħha, u hija riedet li x-xogħol jiġi pprovdut

mis-soċjetà intimata bil-mod kif miftiehem, u mhux li hija tqatta' aktar żmien barra minn darha. Ir-rikorrenti qalet li ladarba l-kċina kienet installata fil-post, kien jagħmel sens li hija tibda tagħmel użu minnha għaliex il-lanjanzi tagħha kienu ta' natura estetika u mhux dwar xi difett irrimedjabbli li kien jagħmel l-użu ta' din il-kċina impossibbli għaliha. Żiedet tgħid li hija għamlet l-almu tagħha sabiex tipprova ssolvi l-kwistjoni mas-soċjetà intimata, u dan sa minn qabel inbdew il-proċeduri legali bejn il-partijiet. Kompliet tgħid li mill-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet u mix-xhieda mogħtija minnha, għandu jirriżulta li l-ewwel ħaġa li ppruvat tilħaq ftehim dwarha r-rikorrenti, kienet li jiġu rranġati d-difetti fil-prodott li ngħatat, u dan mingħajr ma talbet riduzzjoni fil-prezz, iżda peress li s-soċjetà intimata naqset li tasal għal kompromess, ir-rikorrenti talbet li tingħata danni għall-ispejjeż li hijagħamlet, fosthom għall-irħam maqtugħ tal-qies u għall-*appliances.*

10. Ir-rikorrenti qalet li huwa għalhekk li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta saħqet li mill-provi prodotti, l-unika ħaġa li kellha dritt għaliha r-rikorrenti kienet li tinbidel il-bieba li ġiet difettuża mingħand il-fornitur. Qalet ukoll li hija kienet ippruvat tidħol f'diskussjonijiet mas-soċjetà intimata, u għalhekk żgur li ma istitwietx azzjoni legali b'mod kapriċċjuż, iżda biss wara li għamlet dak kollu li setgħet, inkluż bl-involviment tal-MCCAA. Ir-rikorrenti qalet li fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti, minkejja li qalet li n-nuqqas li jintlaħaq ftehim huwa attribwibbli liż-żewġ partijiet, tefgħet il-parti l-kbira tat-tort fuq ir-rikorrenti, u qalet li kien minħabba l-għebusija ta' ras u prokrastinazzjoni da parti tagħha li l-kwistjoni baqgħet ma ssolvietx. Ir-rikorrenti qalet li s-soċjetà intimata imxiet b'sens ta' pika fejn saħansitra ħassret l-appuntament għat-twaħħil tal-bibien

tal-kċina għaliex ir-rikorrenti kitbet dwar l-esperjenza li kellha mas-soċjetà intimata fuq il-*facebook.* Qalet li dawn huma biss uħud mill-istanzi fejn hija ma ġietx ittrattata b'mod xieraq, sempliċement għaliex xtaqet li tieħu prodott li jirrifletti l-kwalità li ħallset tagħha. Ir-rikorrenti qalet li dan l-atteġġjament ma ġiex rifless biss fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, iżda anki meta l-partijiet kienu qegħdin jippruva jilħqu kompromess quddiem l-MCCAA.

11. Ir-rikorrenti qalet li l-Ewwel Qorti naqset li tapprezza li din il-kwistjoni ma ġietx solvuta minħabba l-attitudni kapriċċuża tas-soċjetà intimata, li baqgħet tinsisti li r-rikorrenti tiffirma dikjarazzjoni *in full and final settlement* sa mill-inqas ġurnata qabel kellha ssir l-installazzjoni tal-bibien li kienu nġiebu minflok dawk difettużi. Qalet li wara dak kollu li hija għaddiet minnu, din is-soluzzjoni ma kinitx aċċettabbli għaliha, u għal xi raġuni s-soċjetà intimata bl-ebda mod ma riedet tikkonċedilha ftit tal-jiem sabiex teżamina sew dak li kien ser jitwaħħal, u minflok ippretendiet li r-rikorrenti tiffirma li l-prodott li kien għadu lanqas biss twaħħal fuq il-post ġie mwaħħal kif suppost. Qalet li għandu jkun ċar li hija kellha bżonn iż-żmien biex tagħmel dan, u sabiex teżamina l-bibien kif inhu xieraq. Ir-rikorrenti qalet li s-soċjetà intimata ma kienitx disposta li tistenna tmienja u erbgħin siegħa biex tiġi ffirmata id-dikjarazzjoni, u baqgħet tinsisti li riedet li d-dikjarazzjonili x-xogħol kollu sar tajjeb tiġi ffirmata qabel jitwaħħal ix-xogħol. Ir-rikorrenti saħqet li dan ifisser biss li s-soċjetà intimata riedet taħsel idejha mis-servizz li kienet diġà tħallset tiegħu, sabiex f'każ li jinstab xi difett fil-prodott ipprovdut minnha, hija tkun tista' teżimi ruħha minn kull responsabbilità. Qalet li huwa ta' għajb dan l-atteġġjament min-naħa tas-soċjetà intimata, li ppruvat tintimida lir-rikorrenti bil-konsegwenza li hija kienet

ser tibqa' mingħajr il-bibien li kellha bżonn jekk ma tagħmilx dak mitlub mis-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti qalet li dan kollu ma ġiex ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti, li tefgħet it-tort għal dak kollu li ġara fuq ir-rikorrenti, u saħqet li kienet ir-rikorrenti li żbaljat meta bagħtet ftehim emendat lis-soċjetà intimata, u li bl-għemil tagħha għamlitha impossibbli għas-soċjetà intimata li tagħmel xogħolha. Ir-rikorrenti qalet li dan ir-raġunament wassal lill-Ewwel Qorti biex tiċħad it-talba tagħha sabiex tingħata kumpens għad-danni li sofriet. Qalet li hija pprovdiet prospett tad-danni unikament minħabba fl-attitudni tas-soċjetà intimata, għaliex dawn id-danni huma imputabbli unikament lill-intimata, u għalhekk r-rikorrenti għandha dritt li tirċievi danni fi kwalità li tirrifletti l-inkonvenjent li ġie ikkawżat lilha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell u l-Appell Inċidentali</u>**

12. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrenti ressqet aggravju wieħed, dak dwar l-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti rigward ir-rimedji li jagħti l-Kodiċi Ċivili għall-bejgħ li allegatament ikun afflitt minn xi nuqqas. Qalet li r-rikors promutur tar-rikorrenti ma kienx jinkwadra b'mod ċar l-azzjoni proposta mir-rikorrenti, u għalhekk fis-sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà intimata kellha tipprova tolqot kull azzjoni li potenzjalment l-Ewwel Qorti setgħet tinterpreta mill-azzjoni imressqa mir-rikorrenti. Kompliet tgħid li fl-appell intavolat mir-rikorrenti, hija tibqa' ma tiċċarax abbażi ta' liema azzjoni pproponiet il-kawża tagħha. Qalet ukoll li la huwa kompitu tagħha, u lanqas tal-Ewwel Qorti li tinterpreta x'kienet l-intenzjoni tar-rikorrenti meta fetħet il-proċeduri odjerni, u kien kompitu tar-rikorrenti li tiċċara l-bażi legali li fuqha kienet qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha,

u dan fil-kuntest tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li kkawża, u li għadu qiegħed jikkawża danni inġenti lis-soċjetà intimata.

13. Is-soċjetà intimata qalet li l-Ewwel Qorti kellha raġun tgħid li r-rikorrenti kellha żewġ rimedji disponibbli għaliha, jiġifieri r-rimedju *ai termini* tal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, jew ir-rimedju *ai termini* tal-artikolu 1427 tal-istess Kodiċi. Qalet li għalhekk ir-rikorrenti setgħet jew tirrifjuta l-ħaġa u titlob id-danni, jew iżżomm il-ħaġa bi prezz imnaqqas fuq stima ta' perit, imma r-rikorrenti m'għażlet l-ebda wieħed minn dawn ir-rimedji. L-intimata qalet li jekk l-azzjoni kienet *ai termini* tal-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, din qatt ma setgħet tirnexxi, u dan għaliex il-kċina qatt ma ġiet rifjutata, u qatt ma ġiet konsenjata f'idejn kunsinnatarju. Qalet li mill-provi prodotti għandu jirriżulta li mhux talli l-kċina ma ġietx rifjutata, talli din ġiet installata u għadha tintuża sal-lum. Is-soċjetà intimata żiedet tgħid li ma ġiet ippreżentata l-ebda stima ta' perit, u għalhekk lanqas azzjoni għar-rifużjoni parzjali tal-prezz ma setgħet tirnexxi.

14. Is-soċjetà intimata qalet li lanqas azzjoni taħt l-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili ma setgħet tirnexxi, għaliex ma kien hemm l-ebda difett latenti fil-prodott. Qalet li fl-aħħar opportunità possibbli li kellha r-rikorrenti, jiġifieri fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnha, ir-rikorrenti għamlet riferiment għall-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li anke hawnhekk l-azzjoni tar-rikorrenti għandha tfalli, u dan għaliex ir-rikorrenti naqset li tinnotifika lis-soċjetà intimata b'kull lanjanza li kellha, u dan fi żmien xahrejn minn meta ndunat bl-istess. Żiedet tgħid li lanqas l-estremi li jirriżultaw mill-artikoli 73 u 74 tal-Kap. 378 ma jissussistu. Qalet li min-naħa tagħha hija dejjem ippruvat tikkuntenta lir-rikorrenti, u saħansitra ordnat il-faċċati kollha sabiex tipprova tirrimedja

problemi li ma kinux ikkawżati minnha. Is-soċjetà intimata qalet li minkejja li fir-rikors tal-appell tagħha r-rikorrenti tgħid li kien irnexxielha tasal fi ftehim mal-intimata, hija naqset milli tgħid li dan il-ftehim ġie ffirmat unikament minnha, mingħajr il-kunsens tal-intimata. Is-soċjetà intimata temmet tgħid li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba leġġerment l-apprezzament tal-provi li diġà sar mill-Ewwel Qorti li semgħet il-provi u rat il-komportament tal-partijiet, u qalet li tali disturb għandu jseħħ biss meta jkun hemm inġustizzja manifesta.

15. Fl-appell inċidentali tagħha, is-soċjetà intimata qalet li fil-kontro-talba tagħha hi talbet lill-Ewwel Qorti tikkundanna lir-rikorrenti tħallasha is-somma ta' ħamest elef, mija u seba' Euro (€5,107) bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet, bħala spejjeż inkorsi mis-soċjetà intimata bħala konsegwenza diretta tal-azzjonijiet tar-rikorrenti. Qalet li hija talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet fuq is-somma li ġiet depożitata minnha biċ-ċedola 1010/2019 konsegwenza tal-mandat numru 700/2019 maħruġ mir-rikorrenti. Is-soċjetà intimata qalet li d-direttur tagħha Lee Aquilina kkonferma li s-soċjetà intimata inkorriet diversi spejjeż li jammontaw għal tal-anqas €6,407.11. Żiedet tgħid li l-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba tagħha għajr għas-somma ta' €500, u kkundannat lir-rikorrenti tħallasha dan l-ammont rappreżentanti l-ispejjeż tal-*panel* li kien ġie danneġġjat minn ħaddiem inkarigat mir-rikorrenti stess. Qalet li kien hawnhekk fejn ħasset ruħha aggravata, għaliex hija sofriet danni inġenti konsegwenza tal-aġir tar-rikorrenti. Spjegat li dawn id-danni ġew ppruvati u hemm ness kawżali bejn l-aġir tar-rikorrenti u d-danni sofferti mis-soċjetà intimata, liema danni ġew ampjament ippruvati quddiem l-Ewwel Qorti. Spjegat li wara l-installazzjoni tal-kċina fil-fond tar-rikorrenti, ġew ordnati bibien u pannelli tal-kċina ġodda, u din l-ordni saret

b'konferma ta' numru ta' kundizzjonijiet min-naħa tar-rikorrenti, li ġew injorati għal kollox. Qalet li l-Ewwel Qorti stess ikkonfermat li hija għamlet aktar milli messha għamlet fiċ-ċirkostanzi, u l-unika raġuni mogħtija mill-Ewwel Qorti għal din il-parti tad-deċiżjoni tagħha kienet li s-soċjetà intimata kellha parti mit-tort li l-kwistjoni bejn il-partijiet ma ġietx solvuta. Qalet li l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda perċentwal ta' ħtija li għandha tinġarr mill-partijiet, u jekk hija għandha ġġorr xi ħtija, ċertament li talba għal €5,107 ma kellhiex tiġi ridotta għal €500.

16. In vista ta' dan, is-soċjetà intimata talbet lil din il-Qorti jogħġobha tordna lir-rikorrenti tħallasha s-somma ta' €5,107 bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet, kif ukoll bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet fuq is-somma li ġiet depożitata permezz taċ-ċedola numru 1010/2019 mis-soċjetà intimata konsegwenza tal-mandat bin-numru 700/2019 maħruġ mir-rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà intimata; tillikwida favur is-soċjetà intimata s-somma msemmija; tordna lir-rikorrenti tħallasha dan l-ammont, bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 971/2019, tan-nota risponsiva tagħha, tal-mandat 700/2019, u l-kontromandat 767/2019; tordna l-iżbank taċ-ċedola numru 925/2019 favur is-soċjetà intimata, bl-imgħaxijiet relattivi u bl-ispejjeż, u dan għar-raġunijiet mogħtija minnha.

**Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali**

17. Ir-rikorrenti fir-risposta tagħha għall-appell inċidentali mressaq mis-soċjetà intimata, qalet li bl-appell inċidentali tagħha, is-soċjetà intimata qiegħda għal darba oħra tipprova żżommha responsabbli għal spejjeż li l-intimata ma rnexxilhiex tiġġustifika quddiem l-Ewwel Qorti. Qalet li hija dejjem imxiet fil-parametri tal-liġi u kull azzjoni li ħadet, inkluż l-intavolar tal-mandat ta'

sekwestru, dejjem saret skont il-liġi ta' Malta, sabiex hija tikkawtela l-interessi tagħha. Qalet li għalhekk hija m'għandhiex tinżamm responsabbli talli użat għodod li tipprovdi għalihom il-liġi sabiex tipproteġi l-pretensjonijiet tagħha bl-aħjar mod, u lanqas m'għandha tkun imġiegħla tħallas imgħaxijiet fuq is-somma li ġiet kawtelata favur tagħha.

18. Ir-rikorrenti qalet ukoll li ladarba s-soċjetà intimata ma rnexxilhiex turi li l-azzjonijiet tar-rikorrenti kienu maħsuba biex iħarbtu u jfixklu l-operat tal-intimata, ma jista' jkun hemm l-ebda bażi legali għall-appell inċidentali intavolat minnha. Kompliet tgħid li s-soċjetà intimata ma ppreżentat l-ebda evidenza sabiex tiġġustifika l-ammont pretiż minnha, u kien biss mix-xhieda tad-direttur tagħha Lee Aquilina li ngħataw xi tip ta' dettalji dwar il-kontro-talba. Qalet li minn din ix-xhieda ħareġ li dan l-ammont ma setax jiġi kkwantifikat faċilment għaliex is-soċjetà intimata ppretendiet ukoll xi forma ta' kumpens għar-reklam ħażin li skont l-intimata sar fil-konfront tagħha sempliċement għaliex l-rikorrenti kitbet kumment qasir dwar l-esperjenza tagħha fuq sit soċjali. Qalet ukoll li s-soċjetà intimata qiegħda tippretendi li tkun l-rikorrenti li tħallas l-ispejjeż għall-bibien il-ġodda li kellhom jinġiebu mill-intimata, u dan f'tentattiv sabiex il-kulur ta' dawn il-bibien ikun identiku għal dak miftiehem bejn il-partijiet meta ġiet ordnata l-kċina. Qalet li huwa evidenti li hija ma kellhiex tinżamm responsabbli għan-nuqqasijiet tas-soċjetà intimata li ma rrispettax l-ftehim li sar bejn il-partijiet abbażi tas-*sample* provdut mill-istess soċjetà qabel ġiet ordnata l-kċina. Qalet ukoll li hija spjegat fid-dettall x'kien ġara bejn il-partijiet u uriet li kien biss minħabba pika eċċessiva tas-soċjetà intimata li ma ntlaħaqx ftehim sabiex il-partijiet jirrisolvu l-pendenza ta' bejniethom. Ir-rikorrenti qalet li l-bibien in

kwistjoni għadhom ma twaħħlux, filwaqt li min-naħa tagħha hija ilha żmien twil li effettwat il-ħlas mitlub minnha, u dan juri kif dak pretiż mis-soċjetà intimata m'huwa motivat minn xejn għajr pika. Qalet li kemm fl-evidenza mressqa minnha quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll fir-rikors tal-appell tagħha, hija spjegat il-fatti dwar il-bdil tal-bieba, liema bieba ġiet ritornata lis-soċjetà intimata f'Novembru 2018 sabiex tiġi rranġata, iżda għadha sal-lum ma waslitx lura għand r-rikorrenti. Ir-rikorrenti qalet li l-ispejjeż pretiżi mis-soċjetà intimata huma spejjeż li l-istess soċjetà kienet intrabtet li tħallas u għalhekk m'għandha l-ebda jedd tippretendi li tkun r-rikorrenti li tħallashom. Qalet li hija dejjem ħallset dak li kienet mitluba tħallas, saħansitra minn qabel setgħet tassigura ruħha li ma kienx hemm danni qabel saret l-installazzjoni, iżda minkejja dan spiċċat bi prodott inferjuri u ta' kwalità aktar baxxa minn dak miftiehem bejn il-partijiet. Hawnhekk ir-rikorrenti qalet li anki l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha rrimarkat li l-kwittanza ma setgħetx issir anki minħabba l-attitudni tas-soċjetà intimata.

19. Ir-rikorrenti temmet tgħid li hija m'għandha tkun imġiegħla tħallas għall-ebda spiża ikorsa mis-soċjetà intimata tul il-proċeduri li saru quddiem l-Ewwel Qorti, u għandha tkun l-intimata li għandha tħallas kumpens lir-rikorrenti għal kċina li mhux biss ma kinitx tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet, iżda wkoll għaliex bl-attitudni tagħha ma ħalliet l-ebda mod kif din il-kwistjoni tkun solvuta amikevolment bejn il-partijiet. Qalet ukoll li l-Ewwel Qorti fl-ebda waqt ma ntalbet tistabbilixxi perċentwali ta' kif għandu jinġarr it-tort għalfejn ma seħħitx il-kwittanza bejn il-partijiet, u għalhekk l-argument tas-soċjetà intimata f'dan ir-rigward ma jreġġix.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

20. Il-Qorti tibda billi tgħid li qabel għaddiet biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju sollevat mill-rikorrenti fl-appell tagħha, u dwar l-aggravji sollevati mis-soċjetà intimata fl-appell inċidentali tagħha, hija ħadet ħsieb teżamina sew l-att u qieset il-provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti fl-intier tagħhom. Dan ma sarx sabiex din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti ma' tagħha, imma sabiex jiġi aċċertat li l-aggravji rispettivi tal-partijiet jiġu kkonsidrati b'mod li ssir ġustizzja ma' min jemmen li r-rimedju li ngħata mill-Ewwel Qorti ma jagħmilx ġustizzja miegħu. Il-Qorti, wara li qieset l-atti, tgħid li l-Ewwel Qorti kellha raġun tosserva li bi ftit rieda tajba min-naħa tal-partijiet, din il-kawża setgħet tiġi evitata, u l-lanjanzi ta' kull parti setgħu jiġu tranżatti mingħajr il-ħtieġa ta' ħames snin ta' litiġjazzjoni quddiem dawn il-Qrati, li wasslet biex issa kull parti qiegħda tilmenta minn spejjeż u danni sofferti li ma kinux jiġu inkorsi li kieku l-partijiet ħallew il-bon sens jirrenja bejniethom. Ladarba dan ma sarx, issa sta għal din il-Qorti li tiddetermina l-kwistjoni bejn il-partijiet billi tiddeċiedi l-appell u l-appell inċidentali li tressqu quddiemha.

21. Ir-rikorrenti tgħid li hija ħassitha aggravata minħabba l-mod kif l-Ewwel Qorti stradat il-kwistjoni li kellha quddiemha billi qalet li l-rikorrenti kellha wieħed minn żewġ rimedji, jiġifieri jew li tirritorna l-ħaġa u titlob lura r-rifużjoni tal-prezz imħallas minnha, jew inkella li żżomm il-ħaġa u titlob li tingħata lura parti mill-prezz kif stabbilit minn espert maħtur mill-Qorti. L-Ewwel Qorti qalet li l-azzjoni minħabba difett latenti ma kinitx tapplika fil-każ in eżami għaliex huwa evidenti li l-prodott ipprovdut ma kien kolpit minn l-ebda difett moħbi,

iżda r-rikorrenti ilmentat għaliex il-kulur tal-bibien tal-kċina kkonsenjati lilha ma kinux jaqblu ma' dak li hija kienet intweriet fis-*showroom* u li hija għażlet meta ġiet biex tagħmel l-ordni tagħha. Dan ifisser li l-azzjoni tal-rikorrenti ma kinitx maħsuba biex taqa' taħt l-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili. L-Ewwel Qorti qalet ukoll li l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili japplika biss meta ssir konsenja ta' oġġett li ma jkunx tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet jew mhux bħall-kampjun li abbażi tiegħu jkun sar il-bejgħ, fejn ix-xerrej jista' jew jagħżel li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew inkella jista' jagħżel li jirċievi l-ħaġa bi prezz imnaqqas wara li ssir stima ta' perit. Fil-każ in eżami, minkejja li azzjoni taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili kienet tkun l-aktar waħda idonea fiċ-ċirkostanzi, u dan fid-dawl tal-fatt li l-ilment ewlieni tal-rikorrenti kien li hija rċeviet kċina li ma kinitx taqbel ma' dak li hija kienet ordnat u mhux skont il-kampjun li kienet murija fis-*showroom,* ir-rikorrenti fetħet proċeduri li permezz tagħhom hija qiegħda titlob li tingħata kumpens li ma jeċċedix il-€15,000. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li l-prezz tal-kċina mingħajr il-wiċċ tal-irħam u l-*appliances,* kien ta' €7,100, u r-rikorrenti bl-azzjoni tagħha talbet lill-Ewwel Qorti tillikwida kumpens sal-massimu tal-kompetenza tagħha. Jirriżulta wkoll mill-atti li l-rikorrenti ma ressqitx l-ilment tagħha mas-soċjetà intimata mill-ewwel, jew ftit tal-ġranet wara li saret l-installazzjoni, imma mill-atti jirriżulta li l-installazzjoni tal-kċina saret f'Ġunju, filwaqt li l-ilment b'mod formali min-naħa tar-rikorrenti sar f'Novembru tal-2018. Fir-rikors tal-appell tagħha l-rikorrenti tgħid li hija mill-ewwel infurmat lis-soċjetà intimata li l-prodott ikkonsenjat lilha ma kienx tal-kwalità miftiehma, iżda mill-fatti jirriżulta li laħqu għaddew numru ta' xhur qabel ma r-rikorrenti ressqet l-ilment tagħha f'dan ir-rigward.

22. Ir-rikorrenti, li lanqas fir-rikors tal-appell tagħha ma speċifikat x'tip ta' azzjoni ressqet quddiem l-Ewwel Qorti, tgħid ukoll li l-kċina kkonsenjata lilha ma tirriflettix il-prezz li hija ħallset, u anki l-espert tekniku maħtur mill-Ewwel Qorti għamel diversi osservazzjonijiet dwar dan. Qalet li l-fatt li hija baqgħet ma rritornatx il-kċina li ġiet ikkonsenjata lilha, ma kellux jippreġudikaha, u hija xtaqet li tidħol fid-dar tagħha, xi ħaġa li ma setgħetx tagħmel li kieku ma kellhiex kċina installata fil-post. Qalet ukoll li għall-bidu hija ppruvat tikkonvinċi lis-soċjetà intimata tirranġa d-difetti fil-bibien tal-kċina, iżda meta rat li dan ma kien ser iwassalha imkien, hija fetħet il-proċeduri ġudizzjarji odjerni fejn talbet id-danni għall-ispejjeż inkorsi minnha. Ir-rikorrenti qalet li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-unika ħaġa li hija kellha dritt għaliha kienet il-bdil tal-bieba, u l-Ewwel Qorti lanqas ma kienet ġustifikata tattribwixxi lilha l-parti l-kbira tat-tort għal dak li ġara. Qalet li hija riedet biss prodott li jirrifletti fil-kwalità dak li ħallset għalih, u ma kienx aċċettabbli għaliha li tiffirma li kienet qiegħda taċċetta l-installazzjoni *in full and final settlement,* kif ippruvat tikkonvinċiha tagħmel is-soċjetà intimata, meta l-bibien il-ġodda kienu għadhom lanqas biss twaħħlu,.

23. Hawnhekk il-Qorti tosserva fl-ewwel lok, li mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-rikorrenti għandha biss dritt għall-bdil ta' bieba waħda. L-Ewwel Qorti ssuġġeriet li ladarba kien hemm numru ta' bibien li ġew ordnati sabiex dawn jirrimpjazzaw dawk fil-kċina tar-rikorrenti, dawn għandhom jitwaħħlu kollha, u tat parir lill-partijiet jaqblu dwar dan u dwar data meta kellha ssir l-installazzjoni. L-Ewwel Qorti rrimarkat ukoll li hija ma kellha l-ebda talba mill-attriċi f'dan is-sens, u għalhekk ma setgħetx tagħti deċiżjoni dwar dan.

24. Fit-tieni lok, il-Qorti tgħid li mill-provi jirriżulta li l-kċina in kwistjoni twaħħlet fil-post sitt snin ilu, intużat u għadha qiegħda tintuża mir-rikorrenti. Ftit tax-xhur wara l-installazzjoni tal-kċina, ir-rikorrenti lmentat li l-bibien tal-wiċċ tal-kċina ma kinux jaqblu mal-kampjun li hija kienet intweriet fix-*showroom.* Sabiex tindirizza dan l-ilment tar-rikorrenti, is-soċjetà intimata l-ewwel offriet li tisprejja l-bibien lokalment sabiex dawn jiġu jaqblu mal-kampjun li kienet intweriet ir-rikorrenti fix-*showroom*. Imma dan ir-rimedju ma kienx għas-sodisfazzjon tar-rikorrenti, u wara ħafna laqgħat u korrispondenza bejn il-partijiet, huma qablu li l-bibien tal-kċina għandhom jiġu mibdula. Ġiet iffissata d-data għall-installazzjoni ta' dawn il-bibien, iżda s-soċjetà intimata talbet lill-rikorrenti tiffirma dikjarazzjoni qabel ma jitwaħħlu l-bibien, li tgħid li l-installazzjoni ta' dawn il-bibien kienet għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti ma qablitx li tagħmel dan, u talbet li tingħata terminu ta' ħamest ijiem sabiex tkun tista' tivverifika li l-bibien il-ġodda kienu għas-sodisfazzjon tagħha. Is-soċjetà intimata ħejjiet dikjarazzjoni li kellha tiġi ffirmata mir-rikorrenti, liema dikjarazzjoni ġiet emendata mir-rikorrenti fis-sens li kellha bżonn terminu ta' tmienja u erbgħin siegħa sabiex tikkonferma li l-bibien ġodda tal-kċina kien għas-sodisfazzjon tagħha. Kien dan l-aġir tar-rikorrenti, flimkien ma' kumment tagħha fuq il-mezzi soċjali fejn kellha kliem ta' tmaqdir fil-konfront tas-soċjetà intimata, li wassal għal ċerta intransiġenza min-naħa tas-soċjetà intimata, li rrifjutat li tinstalla l-bibien fid-data miftiehma jekk ir-rikorrenti tibqa' tirrifjuta li qabel il-konsenja tiffirma dikjarazzjoni li tgħid li hija kienet sodisfatta bil-bibien. Madanakollu mill-provi jirriżulta li dawn il-bibien kienu diġà ġew spezzjonati mir-rikorrenti qabel ma kellhom jitwaħħlu, u għalhekk hija kienet taf x'kien ser jitwaħħal. Dan

jirriżulta ċar minn dak li xehed id-direttur tas-soċjetà intimata Lee Aquilina, li qal li wara li kien hemm korrispondenza estensiva mar-rikorrenti, u wara li deher kumment dispreġjattiv tagħha fuq il-mezzi soċjali, maħsub biex tagħmel reklam ħażin lis-soċjetà intimata, ittieħdet deċiżjoni li s-soċjetà intimata tibda timxi mod ieħor fil-konfront tar-rikorrenti. Kien dan li wassal lill-Ewwel Qorti tikkonkludi li bejn il-partijiet daħal sens ta' pika, u li kienet din il-pika li wasslet lill-partijiet għal din is-sitwazzjoni.

25. Il-Qorti tqis li r-rikorrenti m'għandha l-ebda dritt titlob għal-likwidazzjoni tad-danni li hija tgħid li ġarrbet, *multo magis* meta l-kċina in kwistjoni għadha installata fil-proprjetà tagħha, u għadha tagħmel użu minnha. Fir-rikors tal-appell tagħha r-rikorrenti qalet li d-difett li hija qiegħda tilmenta minnu huwa wieħed estetiku aktar milli wieħed funzjonali, u huwa għalhekk li hija żammet il-kċina. Tgħid li però hija kellha tħallas prezz li jirrifletti l-kwalità tal-kċina kkonsenjata lilha. Il-Qorti tgħid li mill-atti jirriżulta li qabel ma għamlet l-ordni tagħha, ir-rikorrenti kienet rat kampjun tal-kwalità ta' kċina li xtaqet, u kienet taf x'tip ta' injam jew materjal kien ser jintuża fil-kċina tagħha, u kemm kienet il-ħxuna tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tifhem għal liema raġuni r-rikorrenti tgħid li d-difett li qiegħda tilmenta minnu huwa wieħed ta' estetika, meta imbagħad quddiem il-Qorti tgħid li l-pretensjoni tagħha hija li titħallas kumpens jew xi forma ta' danni għaliex il-kwalità tal-kċina kkonsenjta lilha ma tirriflettix il-prezz li hija ħallset. Ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova li hija ma setgħetx tuża l-kċina proprju għaliex il-bibien ikkonsenjati lilha ma kinux tal-kulur jew bil-kisja li xtaqet hi, jew li din il-kċina ġratilha ħsara għaliex il-kwalità tagħha hija inferjuri għal dik ordnata minnha. Għalhekk huwa diffiċli li mill-atti

jiġi stabbilit fuq liema bażi l-rikorrenti qiegħda tippretendi li għandu jiġi likwidat xi forma ta' kumpens għad-danni li hija tgħid li ġarrbet.

26. L-rikorrenti tgħid ukoll li hija ppretendiet li tingħata xi forma ta' kumpens wara li s-soċjetà intimata naqset li tirrimedja d-difetti fil-bibien tal-kċina kkonsenjati lilha. Però l-Qorti tgħid li mill-provi jirriżulta li s-soċjetà intimata ordnat il-bibien ġodda li kellhom jirrimpjazzaw dawk eżistenti, żammithom fil-maħżen tagħha, uriethom lill-rikorrenti sabiex jiġi assigurat li dawn huma għas-sodisfazzjon tagħha, u l-intopp finali inqala' biss wara li s-soċjetà intimata talbet lill-rikorrenti tikkonferma li l-installazzjoni ta' dawn il-bibien kienet qiegħda ssir għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tagħha fil-konfront tas-soċjetà intimata, iżda r-rikorrenti rrifjutat li tagħmel dan. Jirriżulta li r-rikorrenti emendat il-ftehim mibgħut lilha mis-soċjetà intimata, b'tali mod li talbet terminu ta' tmienja u erbgħin siegħa wara l-installazzjoni tal-bibien sabiex tkun tista' tikkonferma li x-xogħol sar għas-sodisfazzjon tagħha. Il-Qorti tqis li s-soċjetà intimata ma kinitx raġonevoli meta talbet lir-rikorrenti tiffirma dikjarazzjoni li tgħid li l-installazzjoni tal-bibien kienet għas-sodisfazzjon tagħha saħansitra qabel saret l-installazzjoni. Madanakollu l-Qorti tqis li r-rikorrenti lanqas ma kellha bżonn terminu ta' tmienja u erbgħin siegħa sabiex tikkonferma li t-twaħħil tal-bibien ġodda kien għas-sodisfazzjon tagħha. Dak li normalment isir meta titlesta l-installazzjoni ta' kċina, huwa li min jirċievi l-prodott jikkonferma li x-xogħol li rċieva huwa għas-sodisfazzjon tiegħu, u n-negozju jingħalaq hemm. Ir-rikorrenti kellha wkoll l-għażla li permezz ta' persuna jew persuni tal-fiduċja tagħha tispezzjona x-xogħol, iżda għal xi raġuni hija għażlet li ma tagħmilx dan, u baqgħet tinsisti għal perijodu ta' żmien qabel tiffirma dikjarazzjoni li x-xogħol

sar għas-sodisfazzjon tagħha. Il-Qorti tgħid li l-aġir tar-rikorrenti ma kienx l-aġir ta' xi ħadd li qiegħed jipprova jittransiġi jew jagħlaq pendenza fl-aqsar żmien possibbli. Il-Qorti tgħid li fil-każ in eżami, iż-żewġ partijiet urew intransiġenza kbira, u nuqqas ta' volontà li jirrisolvu t-tilwima ta' bejniethom, u għalhekk kellha raġun l-Ewwel Qorti tiddeċiedi li t-talbiet tal-rikorrenti ma setgħux jiġu milqugħa.

27. B'riferiment għall-appell inċidentali mressaq mis-soċjetà intimata, il-Qorti tqis li anki dawn il-pretensjonijiet tal-intimata huma riżultat tas-sens ta' pika li daħlet bejn il-partijiet. Kien minn ewl id-dinja li ladarba l-rikorrenti għażlet li tiftaħ proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tas-soċjetà intimata, f'tentattiv biex tieħu dak li hija emmnet li kellha dritt għalih, kienu ser jiġu inkorsi spejjeż li kull parti kellha tagħmel tajjeb għalihom. Is-soċjetà intimata naqset milli tiġġustifika l-bażi tat-talba tagħha għall-ħlas lilha tas-somma ta' €5,107, liema ammont ta' flus prattikament huwa ftit inqas mill-ammont li tħallas mill-rikorrenti għall-kċina. Huwa minnu li s-soċjetà intimata żammet għandha l-bibien tal-kċina u l-partijiet li kellhom jiġu rimpjazzati, iżda mir-ritratti esebiti fil-proċess ma jirriżultax li dawn huma affarijiet goffi jew li qegħdin jieħdu spazju konsiderevoli biex jinżammu maħżuna għand is-soċjetà intimata. Il-fatt li l-ebda waħda mill-partijiet ma riedet iċċedi xi ftit mill-pretensjonijiet tagħha bit-tama li l-kwistjoni tissolva darba għal dejjem, wassal biex kull parti ġarrbet u għadha qiegħda ġġarrab il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tagħha. Hawnhekk il-Qorti ma taqbilx ma' dak li qalet is-soċjetà intimata, li din il-kwistjoni ma setgħetx tissolva b'mod amikevoli, jew li din is-sitwazzjoni kienet taħti għalija biss ir-rikorrenti.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, u qiegħda tikkonfermaha fl-intier tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell prinċipali tar-rikorrenti billi tiċħdu, tiċħad ukoll l-appell inċidentali tas-soċjetà intimata, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha f'dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**